**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

***Seduta ta' nhar l-Erbgha 5 ta' Dicembru 2001***

Citazzjoni numru 232/98

Baskal Saliba

-vs-

Jean Hammond u b'digriet tal-25 ta' Mejju 1999 gie kjamat fil-kawza Dr Alfred Grech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur fejn wara li ppremetta:

Illi permezz ta' konvenju maghmul bejn il-partijiet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) il-konvenuta kienet obbligat ruhha li tbiegh lill-attur li obbliga ruhu li jakkwista u jixtri minghandha l-flat minghajr numru fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex li jifforma parti minn blokk ta' zewg garages u tliet flats liema flat jismu "Mimosa" u jmiss minn nofsinhar ma' Triq il-Qbajjar, mit-tramuntana mal-bajja tal-Qbajjar, u mil-lvant ma' beni ta' Michaelangelo Dimech (Dok A);

Illi fuq l-istess konvenju l-attur hallas akkont tal-prezz is-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1,600).

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-tnax (12) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fil-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Alfred Grech noe -vs- Baskal Saliba" (Citaz numru 111/92) gie ddikjarat li dak il-konvenju kien tilef l-effett tieghu u l-attur ma kienx tenut jersaq ghall-akkwist tal-flat hemm deskritt.

Illi konsegwentement li kien sar fuq l-istess konvenju ghandu jigi restitwit lill-attur.

Illi minkejja diversi talbiet da parti ta’ l-attur biex thallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ elf u sitt mitt lra Maltija (Lm1600) il-konvenuta baqghet inadempjenti minkejja li accettat li l-istess ammont ghandu jigi restitwit.

Illi fil-fehma ta’ l-attur ghalhekk dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tqanqal ghat-talbiet li qeghdin isirulha u ghalhekk din il-Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab l-attur li l-Qorti:

Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza fit-termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bid-dispensa tas-smiegh.

Tiddikjara lill-konvenuta debitrici fil-konfront ta’ l-attur fis-somma ta’ elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1600) u dan in linea ta’ restituzzjoni ta’ l-ammont imhallas akkont tal-prezz fuq il-konvenju li m’ghadux vinkolanti fil-konfront ta’ l-attur.

Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma flimkien ma’ l-imghax mill-ewwel (1) ta’ April ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) cioe’ d-data ta’ l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta fl-1 ta’ April 1998.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. illi l-esponenti taqbel illi l-ammont ta’ elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1600) ghandhom jigu ritornati lill-attur u illi kien ghaliha din ir-rifuzjoni ilha illi gie effettwata.

2. Illi pero’ dawn il-flus baqghu dejjem jigu ritenuti mill-Avukat Dottor Alfred Grech illi lilu thalssu ai termini tal-konvenju tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) citat mill-attur innifsu.

3. Illi l-esponenti sahansitra interpellat lill-Avukat Dottor Alfred Grech permezz ta’ ittra ufficjali spedita lilu f’Ottubru 1998 sabiex jaffettwa din ir-restituzzjoni izda dan baqa’ inadempjenti.

4. Illi ghaldaqstant il-kjamata f'din il-kawza ta' l-imsemmi Dottor Alfred Grech certament illi tkun utili u ghalhekk l-esponenti qeghdha formalment titlob din il-kjamata fil-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda debitament mahlufa tal-konventua.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-25 ta' Mejju 1999 fejn awtorizzat il-kjamata fil-kawza ta' l-Avukat Dottor Alfred Grech.

Rat li l-imsemmi Avukat Dottor Alfred Grech gie debitament notifikat skond il-ligi izda naqas jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat l-attijiet u d-dokumenti.

Ikkunsidrat:

Li mill-kunvenju esebit folio 5 et seq jirrizulta li fit-22 ta' Mejju tas-sena 1992 gie iffirmat kunvenju bejn l-attur u l-Avukat Dottor Alfred Grech li kien jittratta l-kompra-vendita ta' l-appartament bl-isem "Mimosa", minghajr numru, gewwa Triq il-Qbajjar, Marsalforn, deskritt bhala formanti parti minn korp ta' tliet appartamenti u zewg garages. Jirrizulta li l-Avukat Dottor Alfred Grech deher per prokura f'isem il-konvenuta. Il-prezz konvenut fil-kunvenju (ara l-ewwel paragrafu folio 6) gie konkordat "for the price and consideration of sixteen thousand Maltese liri (Lm16,000) of which the purchaser is paying here the sum of one thousand six hundred (Lm1,600) Maltese Liri, for which payment receipt is being issued according to law, the balance that is to say the sum of fourteen thousand four hundred pounds (Lm14,400), shall be paid to the purchaser on the deed of transfer".

Il-konvenuta, Jean Hammond, fix-xhieda taghha stqarret li hi qatt ma giet fil-pussess ta' l-ammont ta' depositu u cioe' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1600). L-attur da parti tieghu xehed li dan l-ammont hu halsu bhala depositu fuq l-att tal-konvenju. M'hemmx dubbju li dan il-konvenju illum hu skadut u kwindi l-pretensjoni ta' l-attur li jinghata lura s-somma tad-depositu hija certament fondata.

Mill-provi li jezistu, molto piu meta l-kitba mhix kontradetta minn prova ohra, l-Qorti ma tistax hlief li tghid li l-ammont baqa' jigi detenut mill-Avukat Dottor Alfred Grech li hu kwindi tenut jirrestitwixxi l-ammont lill-attur.

Fil-waqt ghalhekk li qeghdha tichad it-talbiet ta' l-attur in kwantu l-istess gew diretti kontra l-konvenuta Jean Hammond, tilqaghhom kontra l-kjamat in kawza l-Avukat Dottor Alfred Grech u konsegwentement tikkundannah li jhallas lill-attur is-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1600) in linea ta' restituzzjoni ta' l-ammont imhallas akkont tal-prezz fuq il-kunvenju tat-22 ta' Mejju 1992 li ma ghadux vinkolanti fuq l-istess attur.

Bl-ispejjez tal-kawza u l-imghax mill-15 ta' Gunju 1999 cioe' d-data tan-notifika lill-kjamat in kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur